



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Settembru 2019
(OR. en)

11827/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0171 (NLE)

PECHE 368

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Awwissu 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 375 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 375 final.

Mehmuż: COM(2019) 375 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.8.2019
COM(2019) 375 final

2019/0171 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

Abbażi tad-direttivi ta' negozjar rilevanti¹, il-Kummissjoni wettqet negozjati mal-Gvern tar-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe (minn hawn 'il quddiem "São Tomé u Príncipe") bil-għan li tikkonkludi Protokoll ġdid għall-Ftehim dwar is-Sajd eżistenti. Wara dawn in-negozjati, fis-17 ta' April 2019 ġie inizjalat Protokoll ġdid. Kif jissema fl-Artikolu 15 tiegħu, il-Protokoll ikopri perjodu ta' ħames snin mid-data tal-applikazzjoni provviżorja tiegħu, jiġifieri mid-data tal-iffirmar tiegħu.

Il-Protokoll jipprevedi l-opportunitajiet tas-sajd li ġejjin għall-bastimenti tal-Unjoni:

- 28 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni mgħammra bi friża;
- 6 bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ.

Għandu jiġi stabbilit il-metodu għall-allokazzjoni ta' dawn l-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

B'konformità mal-prijoritajiet tar-riforma tal-politika tas-sajd², il-Protokoll il-ġdid joffri opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' São Tomé u Príncipe, u dan abbażi tal-aqwa parir xjentifiku disponibbli u filwaqt li jirrispetta r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (l-ICCAT). Dan il-Protokoll ġdid iqis ir-riżultati ta' evalwazzjoni li saret fuq l-aħħar Protokoll (2014-2018) u ta' evalwazzjoni li tħares lejn il-futur dwar jekk għandux jiġi konkluż Protokoll ġdid. Dawn iż-żewġ evalwazzjonijiet saru minn esperti esterni. Il-Protokoll se jippermetti wkoll lill-Unjoni Ewropea u lil São Tomé u Príncipe jaħdmu aktar mill-qrib bejniethom biex jipromwovu l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet ta' São Tomé u Príncipe u biex jappoġġaw l-isforzi ta' São Tomé u Príncipe biex jiżviluppa s-settur tiegħu tas-sajd, fl-interess taż-żewġ partijiet.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

In-negozjar ta' Protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd ma' São Tomé u Príncipe jidħol fil-qafas tal-azzjoni esterna tal-UE mal-pajjiżi tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP), u jqis b'mod partikulari l-oġġettivi tal-Unjoni fil-qasam tal-ħarsien tal-prinċipji demokratiċi u tad-drittijiet tal-bniedem.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika magħżula hija t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li l-Artikolu 43(3) tiegħu jistabbilixxi li l-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta l-miżuri dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

¹ Adottati waqt il-Kunsill dwar it-Trasport, it-Telekomunikazzjonijiet u l-Enerġija tat-18 ta' Diċembru 2017.

² JO L 354, 28.12.2013, p. 22.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-qasam ta' azzjoni huwa kompetenza esklużiva.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Matul l-evalwazzjonijiet ex post u ex ante, il-partijiet interessati ġew ikkonsultati dwar il-possibbiltà ta' Protokoll ġdid bejn l-Unjoni u r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe. Waqt laqgħat tekniċi ġew ikkonsultati wkoll l-esperti mill-Istati Membri u mis-settur. Minn dawn il-konsultazzjonijiet ħareġ li huwa fl-interess tal-Unjoni u tar-Repubblika ta' São Tomé u Príncipe li jikkonkludu Protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd.

- **Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati**

L-Istati Membri, ir-rappreżentanti tal-industrija, l-organizzazzjonijiet internazzjonali tas-soċjetà ċivili, kif ukoll l-amministrazzjoni tas-sajd u s-soċjetà ċivili ta' São Tomé u Príncipe ġew ikkonsultati bħala parti mill-evalwazzjoni. Saru wkoll konsultazzjonijiet fil-qafas tal-Kunsill Konsultattiv għall-flotta ta' distanzi twal.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni użat konsulent indipendenti għall-evalwazzjonijiet ex post u ex ante, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(10) tar-Regolament li jistabbilixxi l-politika komuni tas-sajd.

4. L-IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

L-abbozz tar-Regolament ma għandu l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Din il-proċedura qed tinbeda b'mod parallel mal-proċeduri marbutin mad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea, kif ukoll ma' dawk marbutin mad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tiegħu. Dan ir-Regolament irid jibda japplika ladarba jkunu jistgħu jibdew isiru l-attivitajiet tas-sajd skont il-Ftehim, jiġifieri mid-data tal-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-23 ta' Lulju 2007, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 894/2007³ dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé e Príncipe u l-Komunità Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim")⁴. Dan il-ftehim daħal fis-seħħ fid-29 ta' Awwissu 2011 u għadu fis-seħħ.
- (2) Ġie ffirmat Protokoll ġdid dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll") fi [*insérer la date de la signature*], skont id-Deċizzjoni tal-Kunsill 2019/.../UE⁵
- (3) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd previsti fil-Protokoll jiġu allokati fost l-Istati Membri għall-perjodu kollu tal-applikazzjoni tiegħu.
- (4) Dan il-Protokoll għandu japplika b'mod provviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu. Sabiex jiġi żgurat il-bidu fil-pront tal-attivitajiet tas-sajd minn bastimenti tal-Unjoni, dan ir-Regolament għandu japplika mill-istess data,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti skont il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé e Príncipe u l-Komunità Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll") għandhom jitqassmu fost l-Istati Membri kif ġej:

a) bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni:

Spanja: [16-il] bastiment

Franza: [12-il] bastiment

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 894/2007 tat-23 ta' Lulju 2007 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé e Príncipe u l-Komunità Ewropea (ĠU L 205, 7.8.2007, p. 35).

⁴ ĠU L 205, 7.8.2007, p. 36.

⁵ **ĠU L**, , p. .

b) bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ:

Spanja: [5-il] bastiment

Il-Portugall: [1] bastiment

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mid-data tal-applikazzjoni tal-Protokoll.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*